27 ta' Marzu, 1946.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Mary Hall *versus* Emmanuele Xuereb

**Depożitu — Obligi tad-Depożitarju — Danni — Art. 2001, 2004, 2010 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Id-depożitarju, anki b'titolu gratuwitu, għandu juża fil-kustodja tal-ħaġa l-istess diliġenza li juża fil-kustodja ta' ħwejġu. Minbarra dan, huwa ma jistax jagħmel użu mill-ħaġa depożitata mingħajr il-kunsens espress jew preżunt tad-depożitant. U għandu jrodd il-ħaġa lil min fdahielu.*

*Id-depożitarju li jonqos minn dawn l-obligi, huwa responsabili għad-danni lejn id-depożitant.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attriċi ppremettiet illi l-konvenut kellu f'idejh b'titolu ta' depożitu coat tal-fur u tvalja tal-għażel, proprjetà ta' l-attriċi, li ġew imħollijin għan-

da minn għand ċertu Pugh; u illi l-konvenut iddispona mill-imsemmi "*fur-coat*" billi sifru lil persuna oħra mingħajr il-*kunsens ta' l-attriċi; u illi l-konvenut offra* żmien ilu l-*prezz* ta' l-istess "fur coat"; talbet li l-konvenut jiġi kundannat (1) iħallas bħala danni dik is-somma li *għandha tiġi minn dina* l-Qorti likwidata per mezz ta' periti, jekk ikun hemm bżonn, għall-valur tal-coat tal-fur fuq imsemmi, u (2) jiġi kundannat minn dina l-Qorti jirrestitwixxi, fi żmien li jiġi lilu prefiss, it-tvalja tal-għażel fuq imsemmija, u in difett li jħallas il-valur tagħha fl-ammont li jiġi minn *dina* l-Qorti likwidat. Bl-ingħax legali u bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li jibqa' mħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi deher illi l-attriċi, mill-affarijiet tagħha go dar il-**Furjana**, imwaqqa' bil-bombi waqt il-gwerra, irnexxielha fost oġġetti oħra ssalva, per mezz ta' ċertu Pugh, ġakkettina tal-fur u tvalja tal-għażel. *Dan ġara* fl-1943. *Dan Pugh*, għal xi raġuni jew oħra, ikkonsenja din il-ġakkettina u tvalja lill-konvenut biex jerfagħhom għandu, u fil-fatt *damu għand* il-konvenut żmien twil. Xi sena ilu, il-konvenut għogbu jagħti l-ġakkettina lil ċerta Nazzarena Zammit bħala rigal għat-tifla tagħha. Xi sitt ġimgħat qabel il-kawża l-attriċi marret għand il-konvenut, għarfet il-ġakettina meta dan ġiblielha minn għand Zammit, biss *qaltlu li ma taċċettahiex minħabba li* kienet ġiet imgħarrqa. Fid-diskors li l-konvenut kellu ma' l-attriċi hu qalilha illi "jew ħaġa jew oħra jagħtiha", u fix-xhieda tiegħu fol. 16 tergo fisser illi b'dan il-kliem hu ried jgħid li kien pront jagħtiha l-valur. Iżda peress li hi talbitu £15, fuq il-"quantum" tal-valur ma ftehmux. Kwantu għat-tvalja l-konvenut qal li ma jafx x'sar minnha;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-konvenut *oppona* l-*preskrizzjoni biennali kontemplata* fl-art. 2258 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 Edizzjoni Riveduta. Iżda mill-provi deher illi l-fatt li minnu ġie kaġunat *id-dannu*........ xi sena ilu. Għalhekk, ankorkè din il-preskrizzjoni kienet applikabili għall-każ, it-terminu preskrizzjonali għad ma għaddiex. Dan apparti illi, bil-kliem tiegħu fuq riportati, u anki bl-ittra

tal-legali tiegħu, P.L. Scicluna, fol. 5, il-konvenut assuma kontrattwalment l-obbligu li jirriżarċixxi l-ħsara lill-attriċi;

Illi l-konvenut oppona anki l-preskrizzjoni ta' l-art. 2250. Lanqas dina l-eċċezzjoni ma hi sostenibili, għaliex mhux il-każ ta' ħaġa mitlufa jew misruqa. Minbarra dan, hemm dejjem l-assunzjoni mill-parti tal-konvenut ta' l-obbligu kif fuq imsemmi;

**Fil-meritu;**

Illi skond il-liġi d-depożitarju, anki b'titolu gratuwitu, għandu juża fil-kustodja tal-ħaġa l-istess diliġenza li juża fil-kustodja ta' ħwejġu. Minbarra dan, id-depożitarju ma jistax jagħmel użu mill-ħaġa depożitata mingħajr il-kunsens espress jew preżunt tad-depożitant (artikoli 2001 u 2004 Kodiċi Ċivili, Kap. 23 Edizzjoni Riveduta);

Illi "ex admissis" il-konvenut għamel użu mill-ġakkettina, billi bla ma kien awtorizzat qabad u rrigalaha lil ħadd ieħor. B'hekk saret il-ħsara, għaliex mentri din il-ġakkettina qabel kellha għonq għoli li jitla' sar-ras, li kien hemm anki meta ħarġet minn taħt id-"debris", dan l-għonq ġie nneħħi mill-ħajjata li ġiet imqabbda minn Nazzarena Zammit, u ġie użat biex jissewwew dawk il-partijiet tal-ġakkettina li kienu mqattgħin jew mikulin bil-kamla;

Illi, kif jgħid il-Laurent (Principi Dto. Civ., Vol. XXVII, para. 103), "se malgrado il divieto della legge il depositario si serve della cosa depositata, manca alle sue obligazioni, e per conseguenza sarà tenuto ai danni ed interessi, se vi ha luogo";

Ikkunsidrat;

Illi għalkemm huwa veru illi, kif kiteb id-Donatello fil-kumment tiegħu għal Lex II, Cod. Depositi, "in deposito non quaeritur *cujus res sit, sed quis deposuerit*", u li l-liġi fl-art. 2010 tgħid illi d-depożitarju għandu jrodd il-ħaġa lil dak biss li jkun fdahielu, b'dan kollu, f'dan il-każ il-konvenut ma jistax jikkontrasta t-talba bid-deduzzjoni li kien Pugh, mhux l-attriċi, li għamel id-depożitu; mhux biss għaliex fil-fatt id-depożitu sar għall-attriċi (u għalhekk tirrikorri waħda mill-alternativi ta' l-art. 2010 *issa msemmi*), imma anki għaliex meta l-konvenut fl-ittra tiegħu fol. 5, u wara, bi kliemu rrikonoxxa l-attriċi u wegħedha li jagħtiha l-valur, ġie kreat bejniethom rapport speċjali ġdid li rabat lill-konvenut favur l-attriċi;

Illi l-attriċi pprovat *soddisfaċentement* l-identità tal-ġakkettina, jiġifieri li kienet dik tagħha;

Illi l-konvenut ammetta li rċieva t-tvalja, imma qal li lanqas *jaf x'sar minnha*. Din ċertament ma tikkostitwixxix il-kustodja tal-ħaġa bid-diliġenza li trid il-liġi;

Ikkunsidrat;

*Illi fl-ewwel* domanda l-attriċi qegħda titlob bħala danni l-valur tal-ġakkettina;

Illi ma hemmx dubju illi ma hix tem ta tirċeviha fl-istat li ġiet ridotta fih minħabba li l-konvenut taha abbużivament lil ħadd ieħor;

Illi kwantu għall-valur *il-Qorti* jidhrilha li tista' hija stess, anki biex jiġu evitati spejjeż, tillikwidah "arbitrio boni viri", jiġifieri "ex aequo et bono". L-attriċi xehdet li kienet xtratha *£6. 10. 0 xi tliet xhur qabel ma daħlet fil-gwerra l-Italja*.. ..... Mela kienet ġà ilha tużaha tliet snin. Meta ħarġet minn taħt id-"debris" kienet bilfors daqsxejn imkagħbra... ....... Biex tkun ekwament riżarċita l-attriċi għandha dritt għall-valur li kien ikollha l-ġakkettina fil-ġurnata tal-lum, fl-istat *però* li kienet *meta nqalgħet minn taħt* id-"debris". Bil-prezzijiet tal-lum ġakkettina simili..............;

*Omissis;*

*Kwantu* għat-tvalja...........;

Kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż;

L-azzjoni oriġinat mill-fatt kolpuż tal-konvenut..... .... Fl-istess ħin l-attriċi għandha tbati parti żgħira mill-ispejjeż, peress li l-valur li ġie likwidat bħala dak dovut kien ikun ta kompetenza inferjuri, u l-ġurisprudenza ammettiet temperament f'każijiet simili. Minbarra dan, l-attriċi eżaġerat fiti meta talbet £15 lill-konvenut;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-konvenut, bl-ispejjeż ta' dan il-kap kontra tiegħu; u tilqa' *l-ewwel talba* fis-sens li tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi bħala danni s-somma fuq likwidata ta' £9; u tilqa' wkoll it-tieni talba fis-sens li tikkundannah iħallas *is-somma ta'* 2s.;

L-ispejjeż ta' dawn iż-żewġ kapi ta' l-aħħar jitħallsu kwantu għal parti waħda minn għaxra mill-attriċi, u l-bqija mill-

konvenut, li għandu wkoll iħallas intier waħdu d-dritt tar-reġistru.